**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 7609/22**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**Vs**

**Keith Testa**

**Illum 15 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Keith Testa, iben Victor u Carmen Saliba, imwieled ġewwa l-Pietà nhar id-19 ta' Diċembru 2000, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 00901L:

1. Talli bejn il-lejl ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022 u l-10 ta' Novembru 2022 ġewwa il-gżejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli, fid-Digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru 2022 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Keith Testa u tordna l-arrest tiegħu mill-ġdid;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Keith Testa għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li għall-ewwel l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1], iżda fis-seduta tat-13 ta' Frar 2023[2] huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu anke wara li l-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 7 u 8 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Lydon Zammit[3], ta' PC479 Frank Anthony Portelli[4] u ta' PC167 Philip Camilleri[5] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Lydon Zammit markati Dok. "LZ1" u Dok. "LZ2" a fol. 13 u 14 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali[6] u x-xhieda ta' PS1301 Christian Bonello[7] mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022 u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "CBT" a fol. 32 sa' 37 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda tal-Probation Officer Dorian Cornelius, inkarigat biex iħejji Social Inquiry Report fil-konfront ta' l-imputat, mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2023[8] u rat is-Social Inquiry Report hekk imħejji fil-konfront ta' l-imputat esebit bħala Dok. "DC" a fol. 55 sa' 68 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli: (1) talli bejn il-lejl ta' nhar id-9 ta' Novembru 2022 u l-10 ta' Novembru 2022 ġewwa l-gżejjer Maltin naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Maġistrat Dr. Josette Demicoli, fid-Digriet tagħha tat-12 ta' Ottubru 2022 li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet; (2) u aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkustanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Għalkemm inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2023 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

[1] Vide verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2022, fol. 5 u 6 tal-proċess.
[2] Fol. 49 tal-proċess.
[3] Fol. 9 sa' 12 tal-proċess.
[4] Fol. 15 sa' 18 tal-proċess.
[5] Fol. 19 sa' 21 tal-proċess.
[6] Fol. 25 u 26 tal-proċess.
[7] Fol. 27 sa' 31 tal-proċess.
[8] Fol. 50 sa' 54 tal-proċess.

Fid-dawl ta' tali imputazzjoni u anke fid-dawl tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tqis li għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed jiġi mixli l-imputat u li ġew minnu ammessi, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni dak ravvizat u konkluż mill-Probation Officer Dorian Cornelius fis-Social Inquiry Report imħejji fil-konfront ta' l-imputat, senjatament illi *l-Uffiċjal tal-Probation segwa lil Keith Testa f'ambjent ikkontrollat u għaldaqstant ma setax ikun assessjat jekk il-problema tad-droga għadiex preżenti jew le. Kif ukoll, fir-rigward ta' l-impjieg, għalkemm Keith Testa jsostni li hu jinsab ingaġġat f'impjieg, dan ma setax ikun ivverifikat peress li għadu ma jidhirx fir-rekors tal-Jobsplus. Għaldaqstant, jinħass il-bżonn li l-imputat jirregola l-impjieg tiegħu kif ukoll jieħdu dik l-għajnuna neċessarja kontra l-użu tad-droga, jekk kemm-il darba din il-problema għadha preżenti*[9].

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49 u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat, anke fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-karattur ta' l-imputat, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' seba' mija u ħamsin Euro (€750) rappreżentanti d-depożitu impost bid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġisrtat Dr. Josette Demicoli, datat 12 ta' Ottubru 2022.

Peress illi jirriżulta li l-imputat għandu problema ta' abbuż ta' droga, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament, u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament mehtieġ u adattat biex tiġi indirizzata darba għal dejjem il-problema ta' abbuż ta' droga li huwa għandu b'mod partikolari biex ma jkunx hemm episodji ta' *relapsing*.

---

[9] Fol. 63 tal-proċess.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tieghu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li din is-sentenza u l-Ordni ta' Probation li jifforma parti integrali minnha jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġisrtat Dr. Josette Demicoli, datat 12 ta' Ottubru 2022 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti u/jew periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**